# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru erbgħa u tletin (34) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 9 ta' Settembru, 2009 fis-7:20pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, **Noel Galea ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-**minuti tas-seduta preċedenti** u dawn ġew approvati u ffirmati.

3. PUNTI MILL-MINUTI:

3.1. Dwar il-propost u l-mozzjoni tal-***loan*** **mill-KLM** biex ikun f'pożizzjoni li jiksi t-toroq bit-tarmak, is-sindku qal li l-*BOV* permezz tas-Sur Sant, tawna rata ta' 3.95%, filwaqt li diġà kellna laqgħa mal-*Manager Advances*, is-Sur Formosa tal-*Lombard Bank* li għad irid jgħaddielna l-proposta tagħhom bil-posta, minkejja li tidher li se tkun ogħla, u qed jitolbuna laqgħa l-*HSBC*. F'dan il-waqt il-Kunsillier Nicholas Briffa staqsa jekk ir-rata li għaddewlna l-*BOV* hix fuq il-*base rate*. Dan se jkun konfermat fil-jiem li ġejjin.

3.2. Is-sindku qara l-*e-mail* li bagħtlu s-Sur Oliver Lautier li huwa uffiċjal fil-**Ministeru tal-Onor George Pullicino** (Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali). Biha informa lill-kunsillieri li nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru 2009, fl-10:00am se jkunu qed jistennew lill-KLM biex jiddiskuti magħhom il-proposti tiegħu.

3.3. Dwar il-**ħsara tal-ilma** li issa ilu ħiereġ xhur sħaħ taħt il-**monument ta' Mikelanġ Sapiano,** se nerġgħu niktbu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex naraw kif nistgħu nevitaw li jinqalgħu l-passaġġi tal-ġnien, kif ukoll il-monument billi jitpoġġew mejnijiet ġodda fit-triq li madankollu hija wkoll bit-tarmak.

3.4. Minkejja li l-attività proposta għat-2 ta' Ottubru 2009 bl-isem l-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien**, kienet ukoll wieħed mill-punti fl-Aġenda, dan is-suġġett kien trattat fil-punti mill-minuti. Hawn issemma is-Sur Joe Said, uffiċjal tal-*Heritage Malta.* Dan li se jkun mitlub il-permess biex jiftaħ il-**katakombi tal-Mentna** dak in-nhar ta' din l-attività peress li dawn l-oqbra se jkunu wieħed mill-attrazzjonijiet f'din is-serata.

3.5. Wara li saru l-laqgħat mal-***Institute for Tourism Studies***, dwar platti Maltin bl-ikel (stuffat tal-majjal, ross bit-tiġieġ u għadma ta' Novembru tal-ħelu) li se jkunu qed joffru lill-pubbliku għal prezz ridott ta' €4, dawn infurmawna li se jkollhom il-potenzjal illi jitimgħu 400 persuna. Dan l-istitut kien mitlub illi jitimgħu lill-istaff tar-***re-enactment*** mingħajr obbligazzjoni. F'każ li ma jkunx hawn persuni biżżejjed, l-ikel mhux se jkun obbligat li jitħallas mill-KLM. Intant għada fil-għodu, l-istess istitut se jġibu l-gwidi allievi sabiex mal-Kunsillier Paul Spiteri jduru is-siti storiċi li se jkunu miftuħa għall-pubbliku fit-2 ta' Ottubru 2009, imbgħad filgħaxija se jittieħdu r-**ritratti bl-ilbies ta' dik l-epoka** li diġà inkera mit-Teatru Manoel biex dawn ir-

ritratti jidhru f'xena ta' żmien il-pesta fl-Isptar il-Qadim, oħra tad-difna fil-katakombi tal-Mentna u dik ta' familja tradizzjonali Maltija numeruża, fil-***posters, flyers* u *bill boards***. Is-sindku qal li l-isfond tal-*poster* diġà kien konkluż u għad fadal jidħlu fih ir-ritratti li se jittieħdu u li se jkunu wkoll inklużi fil-*flyers* li se jitqassmu biex nippromwovu din l-attività. F'waħda mil-laqgħat li qed ikollu dan il-kumitat kien deċiż li jaħdem fuq ix-*show* tal-pulizija u dik tad-**Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.** Biex insaħħu l-kampanja pubbliċitarja se jkunu nvoluti t-tfal mill-**Kulleġġ San Benedittu** li se jkunu mistiedna nġibuhom fostna filgħodu u jingħataw dettalji x'wieħed se jkun jista' jara filgħaxija. F'laqgħa oħra li saret mal-Każini tal-Banda, is-sindku qal li kien hemm l-aċċettazzjoni li s-**Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju u s-Soċjetà Santa Marija** jgħaqqdu banda waħda u jdoqqu flimkien, filwaqt li l-**Banda taż-Żebbuġ Għawdex**, il-lokalità li għandha ħbiberija speċjali mal-Imqabba, se ddoqq ukoll separatament. Is-sindku qal li l-organizzatur, tal-attivita *Leon Promotions*, se jkun qed jinkludi l-*VAT* (inqas minn €200) fuq is-servizzi li se joffrulna, filwaqt li fil-jiem li ġejjin se jsir tentattiv biex nikkonkludu l-ftehim dwar **l-involviment tal-Pulizija** f'din l-attività.

4. Dwar **l-ingaġġ ta' skrivan /a** s-sindku informa lill-KLM li llum saret l-intervista imsemmija wkoll fil-minuti tas-seduta preċedenti. Mill-persuni kollha indikati lilna mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (*ETC*) bagħtu is-*CV* tagħhom disa' kandidati u għall-intervista tfaċċaw biss erbgħa. Minn dawn l-erbgħa, tlieta minnhom se jibdew kors fl-Università ta' Malta. Is-sindku qal li l-persuna li mhux se tidhol l-Università, għad għandu biss tmintax-il sena, u hu mhux tal-parir li jiġi magħżul, minħabba li għandu nuqqas ta' esperjenza. Grace Marie qalet li fil-laqgħa preċedenti konna ftehmna li hija kellha d-dritt tkun fil-bord tal-intervisti magħmul mill-KLM. Is-sindku qal li dan mhux minnu, għaliex ma kien hemm ftehim xejn u kull ma kien hemm kienet talba minnha biex hija tkun parti mill-bord. Hu qal li ġaladarba l-uffiċċju jmexxuh is-sindku u s-segretarju eżekuttiv, kien ġust li l-intervisti jsiru minn dawn it-tnejn. Nicholas Briffa qal li mhux sew li jekk hemm xi kunsillieri li xtaqu jkunu preżenti fuq dan il-bord, ikunu mċaħda kif fil-fatt sar, minkejja li verament fl-uffiċċju jqattgħu aktar ħin is-sindku u s-segretarji eżekuttiv. Hu qal illi jekk kien hemm xi kunsillier (hu min hu) li xtaq jifforma parti minn dan il-bord, kellu jingħata dan iċ-ċans. Grace Marie Mallia qalet li anke l-mistoqsijiet li jidher li saru (minn kopja li kien hemm fuq mejda tal-kamra) ma kienx hemm fuq x'hiex tiġġudika persuna. Minkejja dan, is-sindku ppropona li l-bord għall-intervisti kollha li ġejjin biex jiġi magħżul skrivan /a *part time*, ikun iffurmat biss minnu u mis-segretarju eżekuttiv, kif ukoll biex il-kunsill jirrifjuta l-ingaġġ tal-persuna li mhix se tidħol l-Università. Peress li Grace Marie Mallia u Nicholas Briffa ma qablux, is-sindku għaddiha għal vot u din għaddiet b'maġġoranza ta' tliet voti favur u tnejn kontra. Intant is-segretarju eżekuttiv se jinforma lill-*ETC* li dawk il-persuni li ndikawlna huma ma kienux jissodisfaw il-bżonnijiet tas-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

5. Dwar **Triq tas-Sejba**, is-sindku qal li se jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u sabiex isiru x-xogħlijiet neċessarji ta' manutenzjoni fuq din it-triq, kif ukoll biex din tiġi assikurata b'barikati, mill-Awtorità. Hu qal li dawn fil-fatt se jwettqu manutenzjoni wkoll aktar 'l isfel quddiem it-*tarmac plant* kif ukoll fid-daħla ta' Triq Valletta kważi fil-kantuniera mad-daħla fejn qed jidħlu ħafna trakkijiet jordmu barriera.

6. Kien imqajjem il-każ fejn mingħajr avviż il-**Kumitat tan-*Nursery* tal-Futbol** mhux biss użaw il-faċilitajiet tal-Isptar il-Qadim mingħajr obbligazzjoni, iżda qabdu u ħadu l-imwejjed u s-siġġijiet mill-fond biex jutilizzawhom xi mkien ieħor. Meta imbgħad naqsu li jpoġġuhom f'posthom u kien hemm il-kors tal-ganutell, għodwa minnhom l-għalliema marret u ma sabitx dawn il-bżonnijiet biex issir il-lezzjoni. Dwar dan in-nuqqas il-Kumitat tal-Futbol talbu apoloġija formali li twasslet l-uffiċċju mas-sindku filwaqt li s-segretarju eżekuttiv qal li hu mhux se jkun responsabbli aktar mill-assi tal-kunsill li jeżistu f'dan il-post għaliex m'għandu l-ebda kontroll mill-uffiċċju tiegħu f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Nicholas Briffa fakkar li hemm

qbil fil-minuti tal-kunsill li ċ-ċwievet ma nagħtuhom 'l ħadd fl-idejn u jieħu ħsiebhom ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali Mqabba. Madankollu s-segretarju eżekuttiv qal li l-akbar problema t'hemm ġew mhix l-għamara, iżda l-bjut joqtru bil-konsegwenza li jekk il-kunsill jibqa' ma jagħmel xejn, jistgħu jintilfu s-soqfa li huma sostnuti bit-travi tal-injam li x'ħin dan jixxarrab, jiddgħajjef. Il-kunsillieri qablu miegħu u s-sindku qal li permezz ta' stimi li se jinġiebu, se naraw kif insewwu dawn is-soqfa.

7. Mill-korrispondenza s-sindku qal li rċieva ittra mill-***Malta International Airport*** dwar **bankijiet u siġġijiet** li għandhom disponibbli huma. Hu qal li jixtieq joffrihom lill-għaqdiet filantropiċi tar-raħal tagħna jekk iħossu l-bżonn tagħhom. Dwar dan ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

8. Dwar in-**nominazzjoni ta' Ġieħ l-Imqabba**, is-segretarju eżekuttiv qal li ma daħlet l-ebda waħda s'issa, minkejja li hu għadda diversi formoli minnhom lil persuni li xtaquhom. Dwar dawn il-kundizzjonijiet, Grace Marie Mallia qalet illi waħda mill-kundizzjonijiet u r-regolamenti tistipula li l-kunsill għandu jagħti ġieħ ukoll lill-eks kunsillieri li jkunu taw sehemhom f'dan il-kunsill, fil-leġiżlaturi preċedenti. Hija ssuġġeriet li jingħata dan ir-rikonoxximent lil dawk l-eks kunsillieri tal-ħames leġiżlatura. Dwar dan ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

9. Dwar l-**aċċessibilita' tal-uffiċċju** tagħna, l-kunsill għadu jsostni li meta jinfetaħ l-uffiċċju isfel, se jkun hawn aktar aċċessibilità fil-bini tal-kunsill u għalhekk ma jkunx hemm bżonn li l-Kummissjoni Persuni b'Diżabilità tesiġi li jkollna *lift*. Iżda dwar dan għandu jmexxina l-perit.

10. Kien approvajt ir-**Rapport Finanzjarju** tal-ewwel kwart ta' din is-sena, jiġifieri, **April – Ġunju 2009** u kopja tiegħu se tiġi mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

11. Dwar il-**vandaliżmu** personalizzat fir-raħal reġgħu issemmew il-ħruq ta' vetturi tar-residenti tagħna. S'issa ma jidhirx li l-pulizija ressqet lil xi ħadd minkejja li aktarx issemma persuna ħati ta' dan ir-reat. Intant għal-laqgħa li jmiss se jkun mistieden is-Supritendent tas-*CID*.

12. Kienet diskussa l-inizjattiva varata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, bl-isem **Kampanja tal-Lokalitajiet Indaf**. Is-sindku qal li hu kellem lill-kuntrattur tat-tindif tat-toroq u wissieh sabiex jagħmel aktar ħiltu biex potenzjalment ir-raħal tagħna jimmeritah dan l-unur. Minkejja li dan it-tindif qed isir fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu, u għalhekk in-nies mhix qed tara ħaddiema jikinsu t-toroq, il-kunsillieri qablu li x-xogħol qed isir b'mod sodisfaċenti.

13. Il-KLM iddiskuta **l-offerta pubblika tal-kisi ta' toroq bit-tarmak**. Hawn is-sindku ppreżenta skeda li għamel huwa stess, lill-kunsillieri. Hu qal li din għandha tgħin lill-kunsill biex biha tkun aġġudikata din l-offerta. Dan wara l-iskeda li kien għadda aktar kmieni is-segretarju eżekuttiv bir-rati kollha komparattivi tal-erba' kuntratturi li tefgħu l-offerta. L-iskeda li pprovda s-sindku, wasslet sabiex il-kunsill unanimament iddeċieda li l-kuntrattur *Asfaltar Ltd* huwa l-orħos offerent, meta kkunsidrati l-aktar rati li jintużaw. Għaldaqstant is-segretarju eżekuttiv se jikteb lill-kuntratturi kollha u jinfurmahom bl-eżodu ta' din id-deċiżjoni.

14. Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet numru 354*** u dwar il-kuntrattur *C & S Services* is-sindku qal li qed jiġi approvat pagament ieħor li jmur lura għall-manutenzjoni li kienet saret minnu x-xitwa li għaddiet.

15. F'punti oħra s-sindku qal li f'ċerimonja qasira li attendew għaliha, hu, is-segretarju eżekuttiv kif ukoll Grace Marie Mallia, ingħatajna **€15,000 f'fondi speċjali** biex isiru it-toroq bit-tarmak fir-raħal. Hawn Nicholas Briffa qal li huwa ippretenda li dawn ikunu ħafna iżjed, almenu mqar id-

doppju, minħabba l-bżonn kbir li hawn fil-lokalità tagħna. Hu fil-fatt issuġġerixxa biex nagħmlu talba formali biex jiżdiedu dawn il-fondi speċjali.

16. Nicholas Briffa semma l-**iskip li tpoġġiet fi Triq San Mikiel**. Hu qal li hemm xi residenti li ma jriduhiex għaliex din tista' tixpruna li f'dawn in-naħat tinħoloq *dumping site.* Is-sindku qal li din il-ħaġa diġà kienet fil-fatt teżisti u wieħed għandu jikkunsidra li din hemm għal fuqha *cctv camera* ta' persuna li toqgħod hemm sabiex tneħħi kull biża' li din tiġi vvandalizzata.

17. Is-sindku ressaq fi ħdan il-kunsill rapport tal-Awditur tal-*MEPA* fil-konfront ta' permess tal-**bini fil-*Urban Conservation Area* bejn Triq Santa Katerina, Sqaq l-Isptar u Triq San Innoċenzju.** Din il-binja hija waħda għolja ħafna u minkejja li l-KLM qatt ma oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp, is-sindku qal li ma nistgħux ma nikkunsidrawx ir-rimarki tal-Awditur tal-*MEPA*. Għaldaqstant fuq anke suġġeriment ta' Paul Spiteri se niktbu mhux kontra l-iżvilupp, iżda kontra n-nuqqasijiet kif inħareġ dan il-permess mill-Bord tal-*MEPA*. Hawn Nicholas Briffa qal li fl-ittra tagħna għandna nsemmu s-*substation* li ħassret is-sit tal-Isptar il-Qadim meta kien hemm oħra ppjanata fl-istess binja u ġiet skartata.

18. Dwar il-proposta li saritilna biex ikun nominat l-**Anzjan tas-Sena,** se niċċekkjaw id-dati biex naraw jekk għadniex fil-ħin li ninnominaw lil xi ħadd.

19. Dwar l-attività li se tittella' fi tmiem il-ġimgħa li ġej bl-isem **Festa tal-Bnadar,** il-każini u r-residenti tagħna kienu mħeġġin itellgħu l-bnadar billi għaddejna l-*posters* ipprovduti lilna fil-każini u l-ħwienet.

20. Dwar l-iskema **lokalitajiet sostenibbli** s-sindku qal li tlajna mal-ewwel sitt lokalitajiet iżda sfortunatament intgħażlu lokalitajiet oħra. Peress li nemmnu li l-proposta tagħna kienet tagħmel ħafna sens, huwa u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu m'Enġinier mill-Imqabba li jaħdem fid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet bil-ħsieb li l-proposta tingħoġob mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi li potenzjalment jistgħu jkunu *partners* tagħna u nkunu nistgħu napplikaw fuq proġett tal-Unjoni Ewropeja.

21. Issemma wkoll parti mill-programm għal **Jum l-Imqabba 2009.** Infatti kienet elenkata l-attività fejn fiha se jżurna l-ET il-President ta' Malta meta wkoll se jkun hawn wirja ta' karozzi antiki. Grace Marie Mallia għamlet il-proposta sabiex jinġabru fondi għall-*Community Chest Fund* nhar il-25 ta' Ottubru, 2009.

22. Is-sindku tkellem dwar l-importanza li nkunu rappreżentati fil-laqgħa li se tinżamm nhar il-15 ta' Settembru, 2009 mill-**Ministeru tal-Edukazzjoni** fis-Sala Robert Samut dwar l-illitteriżmu f'Malta.

23. Paul Spiteri semma l-importanza li l-ħaddiema tal-kunsill iduru l-***culverts*** kollha li għandna f'dan iż-żmien ħalli jitnaddfu sal-ftuħ tal-istaġun tal-maltemp. Dawn huma ta' Mikelanġ Sapiano, ta' Sqaq l-Isptar, tal-Pjazza tal-Knisja u ta' Triq il-Fjuri.

24. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u se ssir dik li jmiss fit-22 ta' Settembru, 2009.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*22 /09 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |